# IL-KWADRI TAL-MADONNA TAL-KARMNU FIL-KNEJJES TA' MALTA U GĦAWDEX

L-għadd kbir ta' kwadri li fihom ix-xbieha tal-Verġni Mbierka taħt it-titlu tal-Karmnu,juru l-imħabba kollha ħeġġa u sinċiera li minn dejjem kellhom missierijietna. Dawn il-kwadri huma mxerrdin ma' Malta kollha, xi wħud bħala Titulari fuq l-altari Maġġuri, oħrajn bħala xbihat fl-altari tal-ġnub. Ħafna minn dawn ir-rappreżentazzjonijiet tal-Madonna tal-Karmnu jinsabu fil-biċċa l-kbira tal-parroċċi ta' Malta u Għawdex, kemm fil-Knejjes Parrokkjali,kif ukoll f'Oratorji u Kappelli imbegħdin.
Ħafna minn dawn ix-xbihat impittra tal-Madonna, huma xogħlijiet ta' pitturi magħrufa biżżejjed għall-ħila u s-sengħa kbira li kellhom fil-qasam ta' l-arti fi żmienhom. Ma jistax li ma jkunx ħekk għax il-Madonna jixirqilha l-isbaħ u l-aqwa opri ddedikati lilha bħala l-kapulavur tal-ħlejjaq kollha fl-univers.
Nibdew bil-kwadri tal-Knejjes ta' l-Ordni Karmelitan. Ta' min jgħid li fl-ewwel Kappella ta' l-Ordni f'Malta tat-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel lil Marija, nsibu kwadru mdaqqas u ferm antik tal-Madonna tal-Karmnu. Din il-Kappella tinsab fil-limiti tar-Rabat u l-kwadru huwa ta' valur kbir għax maħdum minn skola ta' Mattija Preti. F'dan il-kwadru, Marija bil-Bambin Ġesù f'idejha, qed tnewwel l-iskapular lil San Xmun Stock.
Forsi l-aktar xbieha, għażiża u devota tal-Madonna tal-Karmnu li teżisti fil-gżejjer tagħna hija dik li tinsab fil-Bażilka Santwarju tal-Belt Valletta, u li ġiet irrestawrata f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dan il-kwadru huwa l-ewwel wieħed li ġie nkurunat solennement, mill-Kapitlu tal-Vatikan fis-16 ta' Lulju 1881, u aktarx inħadem fis-seklu XVI. Dan il-kwadru juri lil Marija bħala Omm Ġesù u Omm tal-grazzja t'Alla. Fih insibu wkoll lil San Xmun Stock u lil Sant'Agatha, u viżjoni ta' l-erwieħ tal-purgatorju.
Kwadri oħra tal-Madonna tal-Karmnu huma: dak li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja tal-Karmelitani tal-Balluta, xogħol ta' Venuti, u l-Kwadru ta' l-altar tal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera, xogħol ta' Ġużeppi Calì (1846-1930). Mikiel Bellanti (1807-1883) pinġa kwadru ferm oriġinali tal-Verġni Mbierka taħt dan it-titlu fil-Knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina. Fil-Fleur-de-Lis insibu wkoll xbieha mpittra tal-Madonna tal-Karmnu li ħarġet minn idejn Antonio Caruana fil-Knisja Parrokkjali. Ta' min jgħidli fil-Fgura hemm żewġ kwadri tal-Madonna taħt dan it-titlu, wieħed ta' Rafel Bonnici Calì u l-ieħor hu kopja minn Madonna ta' Raffaello. Hemm ukoll żewġ xbihat oħra mpittra tal-Madonna tal-Karmnu fil-kunvent u fl-oratorju tal-Patrijiet Karmelitani ta' l-Imdina, barra l-kwadru li jinsab fil-Knisja.
Ta' min isemmi xi rappreżentazzjonijiet tal-Madonna tal-Karmnu fid-diversi parroċċi u knejjes mxerrda ma'Malta u Għawdex. Giuseppe Calì huwa l-pittur ta' ħafna minn dawn il-kwadri ta' l-altari tal-ġnub fil-Knejjes Parrokkjali tal-Ħamrun, Marsaxlokk, Imsida, Għargħur, Sacro Cuor, Sliema, Ħal-Balzan u l-Isla. L-id ta' Francesco Zahra tidher fil-kwadri tal-Knejjes Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar u Ħal-Għaxaq. Ix-xbihat tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knejjes Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ u tat-Trinità Mqaddsa fil- Marsa huma xogħol ta' Lazzaro Pisani. Fil-Gżira u fl-Oratorju tal-Parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat, Malta, il-kwadri tal-Madonna tal-Karmnu huma l-ħidma ta' Giovanni Vella.

F'Għawdex ukoll ma jonqsux ix-xbihat fuq it-titla li juru l-imħabba lejn il-Madonna tal-Karmnu



li għandhom f'qalbhom hafna Għawdxin. Hekk insibu kwadru devot fil-Knisja tal-Patrijiet Agostinjani, ir-Rabat, fil-Parroċċi ta' Kerċem u ta' l-Għasri u fil-Kappella tax-Xlendi.
Marija hija Omm tal-ħniena u l-iskapular tagħha huwa rahan ta' mħabba bla qies lejna midinbin dgħajfa. B'dan il-mod il-pittur juri l-kwadri tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun. F'dan ix-xogħol nilmħu l-erwieħ tal-Purgatorju jibbenefikaw mill-ħniena u mill-ħarsa materna ta' Ommna Marija. Din l-ideja ġiet imfissra bl-istess mod fil-kwadri tal-Madonna taħt l-istess titlu fil-Knejjes Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal-Qormi, fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta, u fil-Parroċċa tal-Gudja. Il-kwadru li nsibu fil-Gudja huwa opra ta' Pietru Gagliardi (1809-1890).
Xogħlijiet oħra sbieħ ta' l-arti li juru kemm hija tabilħaqq mifruxa ma' kullimkien l-imħabba u d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fostna l-Maltin jinsabu fil-Qrendi, f'Birkirkara u f'Bormla; fil-Knisja Parrokkjali u f'dik tal-Karmelitani Skalzi, fil-Knisja Gus Patronat tal-Fawwara, fil-Parroċċi ta' H'Attard, Ħal-Lija, iż-Żurrieq, Vittoriosa, il-Mosta u s-Siggiewi, kif ukoll fil-Parroċċa ta' Stella Maris, Sliema.
Il-Madonna fl-arti Maltija turi s-sbuħija tal-warda fil-ġnien tal-Karmelu li qatt ma titbiel u tibqa' timliena bil-fwieħa tas-sema, hekk kif tiġbidna lkoll għand Kristu Binha.

**Fr. Clive Vella O. Carm.**


# Paul Aquilina

## GOLDSMITH

12 St. MARK STREET,

VALLETTA

**Phone: 220270**